



Brussell, 20 ta' Frar 2023
(OR. en)

**Fajl Interistituzzjonali:
2016/0062(NLE)**

6315/2/23
REV 2

LIMITE

JAI 158
FREMP 39
DROIPEN 23
COCON 15
COHOM 45
EDUC 49
MIGR 59
SOC 95
ANTIDISCRIM 16
STAT 5

NOTA PUNT "A"

minn:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 2)
lil:	Kunsill
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika fir-rigward tal-istituzzjonijiet u l-amministrazzjoni pubblika tal-Unjoni Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika fir-rigward ta' materji relatati mal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali, l-ażil u n-non-refoulement, - <i>Qbil fil-prinċipju</i> - <i>Talba għall-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew</i>

1. Fl-4 ta' Marzu 2016, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill żewġ proposti għal deċiżjonijiet tal-Kunsill: l-ewwel waħda dwar l-iffirmar f'isem l-Unjoni Ewropea tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika (il-Konvenzjoni ta' Istanbul)¹ u t-tieni waħda, dwar il-konklużjoni, mill-Unjoni Ewropea ta' dik il-Konvenzjoni².

¹ 6695/16, 6695/16 ADD 1

² 6696/16, 6696/16 ADD 1

2. Dawn il-proposti ġew eżaminati fil-Grupp ta' Ħidma dwar id-Drittijiet Fundamentali, id-Drittijiet taċ-Ċittadini u l-Moviment Liberu tal-Persuni (FREMP). Id-deċiżjoni dwar l-iffirmar inqasmet fi tnejn sabiex jittieħed kont tal-ġeometrija varjabbli fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja.

3. Fl-11 ta' Mejju 2017, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/865 tal-11 ta' Mejju 2017 dwar l-iffirmar, fisem l-Unjoni Ewropea, tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika fir-rigward ta' materji relatati mal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali³ u d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/866 tal-11 ta' Mejju 2017 dwar l-iffirmar, fisem l-Unjoni Ewropea, tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika fir-rigward tal-ażil u n-non-refoulement⁴. L-iffirmar tal-Konvenzjoni mill-UE sar fit-13 ta' Ġunju 2017.

4. Fid-9 ta' Lulju 2019, il-Parlament Ewropew għamel talba lill-Qorti tal-Ġustizzja għal opinjoni skont l-Artikolu 218(11) TFUE. Id-diskussjonijiet fil-Grupp ta' Ħidma FREMP dwar l-abbozz ta' Deċiżjonijiet tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Konvenzjoni ta' Istanbul ġew sospiżi waqt li kienu għaddejjin il-proċedimenti tal-qorti.

5. Fis-6 ta' Ottubru 2021, il-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) tat l-Opinjoni 1/19. L-analiżi ta' dik l-Opinjoni tinsab fin-Nota ta' Informazzjoni tas-Servizz Legali tal-Kunsill lill-Coreper tal-11 ta' Novembru 2021⁵.

6. Id-diskussjoni mbagħad reġgħet bdiet fil-Grupp ta' Ħidma FREMP, u fl-20 ta' Lulju 2022 intlaħaq qbil dwar it-test taż-żewġ abbozzi ta' Deċiżjonijiet tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, kif emendati fid-dawl tal-Opinjoni 1/19. It-testi, kif riveduti mill-ġuristi lingwisti, jinsabu fid-dokument 5514/23 u 5514/23 COR 1 u d-dokument 5523/1/23 REV 1.

³ ĠU L 131, 20.5.2017, p. 11-12

⁴ ĠU L 131, 20.5.2017, p. 13-14

⁵ 13800/21

7. Barra minn hekk, il-Grupp ta' Ħidma FREMP iffinalizza l-ħidma dwar il-Kodiċi ta' Kondotta li jistabbilixxi l-arranġamenti interni rigward l-eżerċizzju tad-drittijiet u l-obbligi tal-Unjoni Ewropea u tal-Istati Membri skont il-Konvenzjoni ta' Istanbul. It-test tal-Kodiċi ta' Kondotta jinsab fid-dokument 6087/23. Dan il-Grupp ta' Ħidma qabel ukoll dwar it-test ta' abbozz ta' dikjarazzjoni dwar il-kompetenza tal-Unjoni Ewropea fir-rigward ta' materji rregolati mill-Konvenzjoni ta' Istanbul. It-test ta' din id-Dikjarazzjoni jinsab fid-dokument 6088/23. Dawk id-dokumenti ser jiġu ppreżentati għall-approvazzjoni tal-Kunsill fi stadju aktar tard, meta jiddeċiedi dwar l-adozzjoni finali tad-Deċiżjonijiet dwar il-Konklużjoni, wara li jirċievi l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew.

8. Fil-laqgħa tiegħu tal-15 ta' Frar 2023, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti II) eżamina t-test tal-abbozz ta' Deċiżjonijiet tal-Kunsill dwar il-konklużjoni mill-UE tal-Konvenzjoni ta' Istanbul li tinsab fid-dokumenti 5514/23 u 5514/COR 1 u d-dokument 5523/1/23 REV 1 u qabel li jirrakkomanda lill-Kunsill jikkonferma l-qbil tiegħu fil-prinċipju dwar it-test ta' dawk id-deċiżjonijiet. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti qabel ukoll li jirrakkomanda li l-Kunsill ifittex l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew dwar dawk l-abbozzi ta' Deċiżjonijiet. F'din il-laqgħa, id-delegazzjoni Bulgara, Pollakka, Slovakkja u dik Ungeriża esprimew li ma setgħux jappoġġaw it-test tad-deċiżjonijiet tal-Kunsill. Id-dikjarazzjonijiet li għandhom jiġu inklużi fil-minuti tal-Kunsill magħmula mid-delegazzjoni Bulgara, Irlandiża u dik Ungeriża kif ukoll id-dikjarazzjoni konġunta mid-delegazzjoni Ċiprijotta, Franċiża, Ġermaniża, Griega, Irlandiża, Maltija, Slovena u dik Spanjola jinsabu fl-addendum 6315/23 ADD 1 REV 2 għal din in-Nota.

9. Il-Kunsill huwa għalhekk mistieden jikkonferma l-qbil fil-prinċipju dwar iż-żewġ abbozzi ta' Deċiżjonijiet tal-Kunsill dwar il-Konklużjoni mill-UE tal-Konvenzjoni ta' Istanbul kif jinsabu fid-dokument 5514/23 u 5514/COR 1 u d-dokument 5523/1/23 REV 1, kif ukoll ifittex l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew dwar dawn iż-żewġ abbozzi ta' Deċiżjonijiet tal-Kunsill.